



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6416/18

COASI 37
ASIE 8
CFSP/PESC 166
RELEX 147
POLGEN 13
JAI 160
DEVGEN 19

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5993/18

Suġġett: Il-Kambodja
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Frar 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kambodja, kif adottati mill-Kunsill fit-3598 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Frar 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kambodja

1. Il-Kunsill ifakkar fl-isforzi u r-riżorsi sinifikanti li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha investew mill-Ftehimiet ta' Pariġi 'l hawn f'appoġġ għar-rikostruzzjoni, l-iżvilupp ekonomiku u t-transizzjoni demokratika pluralistika fil-Kambodja.
2. Il-Kunsill ifakkar li l-Ftehimiet ta' Pariġi tal-1991, iffirmati mill-Kambodja u 18-il pajjiż ieħor, inkluż Franza u r-Renju Unit, ħolqu obbligi legali vinkolanti fuq il-partijiet, inkluż id-dmir tal-gvern tal-Kambodja li jżomm sistema ta' demokrazija liberali, abbażi tal-pluraliżmu kif ukoll li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Dawn l-impenji huma minqixin fil-Kostituzzjoni tal-Kambodja.
3. Għaldaqstant huwa bi tħassib partikolari li l-Kunsill segwa l-iżviluppi politiċi preokkupanti reċenti u d-deterjorament kontinwu tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluż iż-żieda fir-repressjoni tal-oppożizzjoni, il-mezzi tal-informazzjoni u s-soċjetà ċivili. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju l-arrest tal-mexxej tal-oppożizzjoni Kem Sokha fit-3 ta' Settembru 2017 u l-għeluq jew is-sospensjoni ta' diversi NGOs u stabbiliment ta' mezzi tal-informazzjoni. Tal-istess tħassib huma x-xoljiment furzat tal-partit ewlieni tal-oppożizzjoni, il-Partit tas-Salvataġġ Nazzjonali tal-Kambodja (CNRP) fis-16 ta' Novembru 2017, il-projbizzjoni mill-politika ta' 118-il membru għoli tas-CNRP għal ħames snin, u r-riallokazzjoni obligatorja tas-siġġijiet lokali u nazzjonali kollha tas-CNRP lil membri mhux eletti ta' partiti oħra, bil-partit fil-gvern jieħu l-parti l-kbira tas-siġġijiet lokali.
4. Il-Kunsill ihegġegħ bil-qawwa lill-gvern tal-Kambodja biex jieqaf juża l-ġudikatura bħala għodda politika biex jagħti fastidju u jintimida l-oppożizzjoni politika, is-soċjetà ċivili, attivisti tad-drittijiet tal-ħaddiema u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

5. L-UE ittenni t-talbiet tagħha għall-ħelsien immedjat ta' Kem Sokha. Hija tappella wkoll lill-Kambodja biex tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li x-xoljiment tas-CNRP jitreggħa' lura malajr u li l-membri tas-CNRP fil-Parlament u l-kunsilliera lokali tas-CNRP jerġgħu jieħdu posthom. Il-Kunsill jinnota li s-CNRP rebaħ 44% tal-voti fl-elezzjonijiet lokali tal-2017 u 44.5% fl-elezzjonijiet legiſlattivi tal-2013. Bl-elezzjonijiet ġenerali li ġejjin f'Lulju 2018, ix-xoljiment furzat tas-CNRP iċaħħad ir-rieda tal-votanti u jipperikola l-kredibbiltà tal-proċess elettoralu attwali. Il-Kunsill itenni li proċess elettoralu li minnu ġie eskluż arbitrarjament il-partit ewlieni tal-oppożizzjoni mhuwiex leġittimu. F'dan il-kuntest, filwaqt li jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet elettoralu tal-UE fil-Kambodja fl-2018 u fl-2015 u l-importanza ta' segwitu effettiv, il-Kunsill jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi l-assistenza finanzjarja tal-UE lill-Kumitat Elettorali Nazzjonali (NEC).
6. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni u biex ikomplu valutazzjoni dettaljata u komprensiva tal-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri bil-għan li jiġu żgurati t-tisħiħ tal-prinċipji demokratiċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
7. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex isaħħu l-appoġġ tal-UE għas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.
8. L-UE hija l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-Kambodja. Il-Kunsill jinnota li l-Kambodja ngħatat aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE taħt l-iskema "Kollox ħlief Armi" (EBA). F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-drittijiet tax-xogħol, huwa wkoll element kruċjali tal-politika kummerċjali tal-UE li fuqu huwa bbażat l-għoti ta' preferenzi kummerċjali tal-UE. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni u biex tintensifika l-impenn mal-Kambodja fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 978/2012.
9. Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti, il-Kunsill jista' jikkunsidra miżuri speċifiċi mmirati jekk is-sitwazzjoni ma titjibx.

10. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kambodja biex terġa' ġġib lura d-demokrazija u lill-gvern biex jidħol fi djalogu konstruttiv mal-oppożizzjoni eletta. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-gvern tal-Kambodja biex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura ambjent politiku li fih il-partiti tal-oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili u l-mezzi tal-informazzjoni jkunu jistgħu joperaw b'mod ħieles. L-UE tibqa' lesta biex tassisti lill-Kambodja fl-issodisfar tal-obbligi tagħha f'termini tad-demokratizzazzjoni, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u biex tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u sostenibbli tagħha.
11. L-UE ser tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Kambodja.
-